MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 81/2014

Kawza fil-lista: 23

**A *sive* B C**

**vs**

**D E f'isimha proprju u bhala kuratrici ta' binha F C**

**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**u b'digriet tal-15 ta' Lulju 2014 gie kjamat in kawza G H**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A sive B C li permezz tieghu ippremetta u talab is-segwenti:-

“Illi r-rikorrent kellu relazzjoni extra maritali mal-konvenuta D E;

Illi nhar il-Hamis, 23 ta' Jannar 2003, il-konvenuta D E welldet tifel bl-isern ta' F C u dan skond kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid numru 439/2003 illi fih ir-rikorrent gie mnizzel bhala l-missier bijoligiku tal-imsemmi F;

Illi fl-ahhar xhur, ir-rikorrent gie mgharraf minn terzi li jista' jkun li l-minuri F, effettivament mhux il-wild naturali tieghu;

Illi meta rinfaccat b'dawn id-dubji r-rikorrent interpella lill-konvenuta D E, sabiex entrambi u l-minuri jersqu ghal test xjentifiku; izda din irrifjutat;

Illi dana prerness, hemm il-htiega illi jinhatar perit espert sabiex jaghmel it-testijiet necessarji tad-DNA sabiex jigi stabbilit jekk l-attur hux fil-fatt il-missier naturali tal-minuri F C;

Illi jekk kemm-il darba, bil-hatra ta' perit nominandi jirrizulta illi r-rikorrent mhux il-missier naturali tal-minuri F C, allura hu mehtieg li jigi dikjarat illi l-istess minuri mhux il-wild naturali u bijologiku tal-attur:

Illi jekk hekk jirrizulta, jehtieg illi jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri F C, liema gie rregistrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Tghid ghalhekk l-intirnata, ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrenti mhux il-rnissier naturali u bijologiku tal-minuri F C li twieled nhar it-23 ta' Jannar 2003;

2. Konsegwentement tordna li jithassru d-dettalji tar-rikorrenti mil-kolonna "isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" mic-certifikat tat-twelid tal-rninuri F u jigu sostitwiti bil-kliem, "missier mhux maghruf';

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fl-istess certifikat tat-twelid tal-minuri u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, jekk ikun il-kaz, il-korrezzjoni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghall-imsemmi certifikat tat-twelid;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ingunti in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li permezz taghha issottometta s-segwenti:-

1. "Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors gurarnentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkernrn f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissottomettu ruhhorn ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghal premess, ghal kull precizazzjoni tajjeb li jigi rilevat li f'kaz li tintlaqa' t-talba li F C mhuwiex il-wild naturali tar-rikorrenti, l-unici korrezzjonijiet li jistghu jigu effetwati fic-certifikat tat-twelid 439 tas-sena 2003 huma li jigu kkancellati l-partikolaritajiet kollha tar-rikorrenti bhala missier il-minuri F C u minflok jigi mnizzel li F C huwa wild ta' persuna mhux maghrufa. Naturalment tajjeb imbaghad li jigi ssottolinejat li tali korrezzjonijiet bl-ebda mod ma jippregudikaw lill-missier naturali milli jiehu dawk il-passi ta' rikonoxximent imsemmija fil-ligi jonkella li l-minuri jressaq proceduri ta' ricerka ta' paternita;

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, f'kaz li jigu superati l-ewwel u t-tieni eccezzjoni fuq imsemmija, l-esponenti xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-

minuri F, li r-rikorrent jispecifika min huwa l-isem ezatt tal-allegat missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodici Civili. Difatti huwa opportun li jekk il-minuri ha jitlef l-istat ta' iben imwieled u mnissel fiz-zwieg talanqas huwa ghandu jkollu ideja min jista' jkun il-missier naturali tieghu fl-eventwalita li 'l quddiem huwa jkollu interess li jesperixxi proceduri ghar-ricerka tal-paternita tieghu;

4. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejiez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta D E li permezz taghha issottomettiet:-

1. “Illi hija giet ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali.

2. Illi hija taqbel li l-minuri F mhux il-wild naturali ta' A C izda huwa l-wild naturali ta' G H.

3. Illi hija m'ghandha tbati ebda spejjez stante illi hija ma ghandha ebda tort kif ser jigi spjegat fil-kawza.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li gew ingunti ghas-subizzjoni.”

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-15 ta’ Lulju 2014 li permezz tieghu gie kjamat in kawza G H.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta D E li taqra bil-mod kif gej:-

1. “Illi hija giet ammessa ghal beneficcju tal-ghajnuna legali.

2. Illi fit-23 ta' Jannar 2013 hija welldet tifel bl-isem F C.

3. Illi l-minuri F mhux il-wild naturali ta' A C izda huwa l-wild naturali ta' G H.

4. Illi jehtieg ghalhekk li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri registrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

5. Illi ghalhekk giet intavolata din il-kontro-talba.

Ghaldaqstant l-esponenti qeghda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima titlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri F mhux il-wild naturali ta' A C izda huwa l-wild naturali ta' G H.

2. Tordna ghalhekk id-debita korrezzjoni fl-atti tat-twelid ta' l-imsemmi minuri b'dak it-taghrif li jigi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat in kawza G H li permezz taghha issottometta:-

1. Illi kif ben inghad mill-konvenuta fil-kontro-talba taghha, l-minuri F C m 'huwiex il-wild naturali tal-attur A sive B C, izda huwa l-wild naturali tal-esponent;

2. Illi huwa ma kienx jaf b'dan il-fatt meta twieldet it-tarbija, u fil-fatt gie mgharraf b'dan xhur wara;

3. Illi sussegwentement sar test tad-DNA li fil-fatt ikkonferma illi l-esponent huwa l-missier biologiku tal-minuri F maghruf bil-kunjom C;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponent jsostni illi f'kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex wahda attribwibbli ghal xi ghemil ta' l-esponent illi rrizulta bil-minuri F jigi rregistrat bhala l-wild tal-attur, u ghaldaqstant, huwa m'ghandux ikun assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza fl-ismijiet fuq premessi;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet surriferiti, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-konvenuta rikonvenzjonata;

2. Tilqa' t-tieni talba tal-konvenuta rikonvenzjonata;

Bl-ispejjez kontra l-intimata, li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat ix-xhieda tal-attur imressqa bil-mezz ta' affidavit li permezz tieghu spjega ic-cirkostanzi li wasluh jistitwixxi l-odjerna kawza.

Rat ir-rapport tad-DNA mahluf fir-registru minn Dr Marisa Cassar fit-3 ta' Dicembru 2014 li permezz tieghu gie ccertifikat illi l-konvenut G H huwa l-missier naturali tal-minuri F C.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

Fiz-zmien li l-konvenuta D E weldet lill-minuri F hija kienet xebba. L-attur A sive B C, li fiz-zmien il-koncepiment tal-minuri kellu relazzjonijiet intimi mal-konvenuta E, kien iddikjara mal-awtorita' kompetenti illi huwa missier it-tarbija u hekk gie registrat fuq l-att tat-twelid tat-tarbija.

Fl-affidavit tieghu l-attur jispjega x'wassal li dan l-ahhar is-suspetti tieghu li l-minuri F ma kienx tieghu ikkonkretizzaw ruhhom aktar.

Fir-riposta guramentata taghha l-konvenuta E tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri ma kienx l-attur izda certu G H. Kien ghalhekk illi l-Qorti kjamat in kawza lil G H. Fir-risposta guramentata tieghu l-kjamat in kawza H jiddikjara li jaf li huwa missier il-minuri F.

F'kazijiet kongruwi, id-dikjarazzjonijiet, anke guramentati, tal-omm u tal-prezunt missier naturali ma humiex wahedha sufficjenti la darba it-test xjentifiku kien possibbli li jsir, ghalkemm ghadha valur probatorju. L-ahjar prova tresqet bil-mezz tat-test xjentifiku maghmul minn Dr Marisa Cassar fejn wara li pprelevat kampjuni minn fuq il-persuna tal-minuri, tal-omm u ta' G H, hija kkonduciet testijiet xjentifici li ccertifikaw li l-kjamat in kawza G H huwa effettivament il-missier naturalki tal-minuri. Tenut kont li sa issa l-ligijiet bijologici jiddettaw li persuna umana jista' jkollha biss missier naturali wiehed, ma kienx mehtieg li jsir ukoll it-test tad-DNA tal-attur.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza u l-kontro-talba u tiddisponi mir-risposti guramentati tal-konvenuti E pro et nomine, tad-Direttur u tal-kjamat in kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-attur ma hux il-missier naturali u bijologiku tal-minuri F C imwieled fit-23 ta' Jannar 2003.

2. Tilqa' parzjalment it-tieni talba attrici billi tordna li isem l-attur u l-konnotati kollha tieghu jigu kancellati minn fuq l-att tat-twelid tal-minuri F izda tichadha fejn intalab li fuq l-att tat-twelid jitnizzlu l-kliem 'missier mhux maghruf'.

3. Tilqa’ l-ewwel talba rikonvenzjonali u tiddikjara illi l-minuri F huwa l-wild naturali tal-kjamat in kawza G H.

4. Tordna illi isem G H u l-konnotati kollha tieghu jigu inseriti bhala l-missier fl-att tat-twelid tal-minuri F .

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta D E u l-kjamat in kawza G H.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------